**DISKORS MILL-EĊĊELLENZA TAGĦHA MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA, PRESIDENT TA' MALTA WAQT RIĊEVIMENT TAL-KORP TAL-PULIZIJA TA' MALTA F'GĦELUQ IL-200 SENA MIT-TWAQQIF TAL-KORP. KWARTIERI ĠENERALI TAL-PULIZIJA. IS-SIBT 12 TA' LULJU 2014.**

Onorevoli Ministru,
Eċċellenzi,

Inħossni tassew onorata, li misset ix-xorti lili, bħala President ta' Malta, li niċċellebra magħkom il-mitejn sena, mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija f'pajjiżna.

Mitejn sena ilu, f'Malta kienet qed isseħħ riforma importanti fil-qasam tal-Ġustizzja.

F'dan iż-żmien ukoll, Malta għaddejja minn żmien ta' tibdil f'diversi setturi.

Matul dawn il-mitejn sena, is-soċjetà Maltija nbidlet, qed tkompli tinbidel, u se tkompli tinbidel, minn żmien għall-ieħor.

Kull tibdil fis-soċjetà jġib miegħu sfidi ġodda għal kulħadd. Għaldaqstant, il-Korp tal-Pulizija, irid ikun mixi pari passu ma' kull bidla, biex jibqa' relevanti, u effettiv, f'pajjiżna.

Għal grazzja t'Alla, irridu napprezzaw li f'pajjiżna kellna Korp tal-Pulizija, li għaraf f'ħafna okkażjonijiet, is-sinjali taż-żminijiet, u laqa' l-isfidi li jġibu magħhom il-bidliet, bi qlubija.

L-okkażjoni ta' llum, tagħtini l-opportunità, biex nistqarr is-sens ta' sodisfazzjon u kburija li nħoss, f'isem il-Poplu Malti u Għawdxi, b'dan il-Korp, li filwaqt li ppreserva l-valur tal-Poplu tagħna, ma beżax jinbidel, u wkoll, kellu l-għerf, li jgħola fuq kull sfida li qatt kellu.

Għalhekk nemmen, li dan id-dinamiżmu tal-Korp tal-Pulizija f'pajjiżna, jawgura s-suċċess meħtieġ, fil-ħidma sfieqa u siewja, li jrid ikompli jwettaq fl-aħjar interess tas-soċjetà Maltija.

Sadanittant, nixtieq nieħu l-opportunità, f'din l-okkażjoni storika, biex ninkorraġġixxi lill-Membri kollha tal-Korp, biex jibqgħu dejjem, iżommu quddiem għajnejkom, li s-soċjetà li intkom mistennija li tiddefendu, bi qlubija f'kull ċirkostanza, hija magħmula minn persuni, li għandhom il-bżonnijiet individwali tagħhom, li għandhom ix-xewqat u l-aspirazzjonijiet tagħhom.

Għalhekk il-Pulizija f'demokrazija moderna, bħal tagħna, irid jew trid, ikunu sensittivi wkoll għall-isfidi tal-individwi, li bejniethom isawwru soċjetà sħiħa.

Huwa importanti, fil-qadi ta' dmirijietkom, li tħossu li l-isfidi tagħhom, huma l-isfidi tagħkom. Jien konvinta li

se tkomplu tagħmlu l-almu kollu tagħkom, biex tipproteġu u tgħinu lil kull min jitlob l-għajnuna tagħkom, ikunu x'ikunu l-bżonnijiet tagħhom.

Illum ukoll hija okkażjoni, fejn il-Maltin u l-Għawdxin għandhom iħossuhom kburin , li dan il-Korp, ta' pajjiż mill-iżgħar fid-daqs u n-numru, nizzel ismu fl-istorja Ewropea, għaliex huwa fost l-eqdem korpi tal-Pulizija fl-Ewropa.

Fil-fatt, kien propju 200 sena ilu, meta l-Korp tal-Pulizija Malti, beda jwettaq ħidmietu taħt regoli u liġijiet ċivili, u ma baqax aktar, taħt regoli u osservanzi militari, u dan sakemm twaqqaf ukoll permezz ta' kostituzzjoni.

Jien inħossni verament kburija, li dan il-Korp tal-Pulizija Malti, bi storja daqstant twila u avventuruża, irnexxielu jirbaħ ir-rispett tal-Poplu kollu matul is-snin.

Għeżież Membri tal-Korp intom komponent importanti fit-tisħiħ tal-għaqda ta' bejnietna, bħala poplu.

Intom mhux biss tirrappreżentaw l-għaqda tagħna, iżda wkoll tirrappreżentaw l-identità tan-Nazzjon Malti.

Ftakru li bħala Istituzzjoni, intom fid-dmir li tħarsu u tipproteġu minn kull ħsara, ħażen u hemm, waqt li żżommu l-ordni interna u l-istabbilità ġo pajjiżna.

Dan kollu jirrifletti l-piż u d-dmir li jaqa' fuq spallejkom, biex tkunu s-salvagwardja tal-ġid u l-protezzjoni tas-soċjetà Maltija.

Dawn id-dmirijiet, għeżież Pulizija, għożżuhom u wettquhom, f'kull waqt f'xogħolkom, ħalli tgħinu fit-tisħiħ ta' Malta tagħna, ħalli turu l-kobor ta' pajjiżna, fil-valuri żonqrija tagħha, tal-imħabba u l-mogħdrija. Ħalli filwaqt li tħarsu lil uliedha, toffru l-wens u l-kenn lil dawk imtaqlin, li jaslu fi xtutna, u ma' xulxin.

Se nieħu l-opportunità ukoll biex nagħmel appell bħala l-Kap tal-Istat, li jiena fdata mill-Poplu tagħna, bl-akbar

fond ta’ flus, maħsub li jagħi t-tama lil dawk fostna, imtaqlin bil-mard u l-gwaj.

Qed nirreferi għall-*Malta Community Chest Fund,* li filwaqt li jidher li f’perjodu tas-sena jiġbor fondi sostanzjali, iżda llum inqisu, bħal bir bla qiegħ.

Sfortunatament il-mard u l-gwaj fostna, mhux jonqos, iżda jiżdied, għalhekk il-bżonnijiet mitluba minn dan il-fond huma kbar wisq.

Il-marda qerrieda tal-kanċer hija fost l-akbar ċirkostanza, li dan il-fond joħroġ spejjeż għaliha.

Bħalissa, għaddejjin żewġ attivitajiet, fejn madwar 300 mitt voluntier, li ilhom mill-bieraħ, ‘il bogħod minn familji tagħhom, qed iħabirku biex niġbru l-fondi, biex inkopru bejn 200,000 u kwart ta’ miljun fix-xahar, biex ikollna biżżejjed għal dawk li jinħtieġu l-għajnuna, l-aktar għall-kimo terapija. Taħsbux li dan l-ammont ikopri kollox, iżda dan huwa biss, parti mill-ispejjeż li dawn l-individwi jiġu bżonn. Għalhekk jinħtieġ li

nkabbru l-fond biex inlaħħqu mar-realtà kiefra tal-mard. Dan huwa l-uniku fond f'pajjiżna, li jagħti din il-kwalità ta' għajnuna.

Għalhekk qed nagħmel wiċċi magħkom, anke llum, f'din il-festa tagħkom, biex ma tinsewx il-ħtieġa li tgħinu fil-ġbir ta' fondi, għal dawk li jinħtieġu s-solidarjetà tagħna.

L-għajnuna tagħkom hija imprezzabbli. Ta' dan nirringrazzjakom minn qalbi u bil-quddiem.

Fl-aħħar nett irrid insellem lil dawk il-membri tal-Korp li llum m'għadhomx magħna, lil dawk il-membri tal-Korp li ħallew ħajjithom fuq il-post tax-xogħol.

Tislima speċjali tmur lill-familji tagħhom u ngħidilhom, li Malta ma tinsa qatt x'għamlu l-għeżież tagħhom, għal pajjiżna.

Nagħlaq billi nagħti ħajr lilkom, u lil familji tagħkom, li magħkom jagħmlu tant sagrifiċċji, waqt li intom tkunu għaddejjin b'ħidmietkom.

F’isem il-Poplu Malti u Għawdxi, grazzi minn qalbi, ta’ xogħolkom.

Nistqarr li nħossni, tassew kburija bikom.